**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Inferjuri**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum 16 ta' Ottubru 2018**

**Avviz numru:- 9/2016 (JVC)**

**John u Carmela konjugi Falzon**

**Vs**

**Solar Engineering Limited**

Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn l-atturi talbu li din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta, previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja nkluz dik li ma adempixxietx ruhha mal-obbligi assunti skont skrittura privata tal-4 ta' April 2014 (Dok A), thallas is-somma ta' disat elef euro (€9000) lill-atturi rapprezentanti tali somma depozitu mhallas akkont ta' prezz ta'

teknologija u apparat li jnaqqas il-konsum tal-energija kif jirrizulta mill-istess skrittura.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluz dawk tal-uittra ufficjali numru 46/2016 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 81/2016 prezentati precedentement, kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

U jekk tonqos li tidher fil-jum u siegha hawn fuq imsemmija, il-Qorti tiddeciedi skont il-ligi.

Rat ir-risposta ta' Solar Engineering Limited fejn Anthony Saliba, direttur manigerjali, espona:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;

2. Illi kienu l-atturi li rrifjutaw il-konsenja u l-installazzjoni tal-apparat ordnat minnhom bil-konsegwenza li l-apparat minkejja li ilu zmien twil li wasal Malta ghadu sal-lum ma jistax jigi nstallat skont l-ordni li kienu ghamlu l-atturi originarjament;

3. Illi d-depozitu mhallas mill-atturi mhuwiex rifondibbli billi l-installazzjoni ma saritx ghal xi tort jew nuqqas tal-esponenti u l-flus tad-depozitu ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez inkorsi mill-esponenti sal-lum.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-affidavits, xhieda, dokumenti u provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tas-16 ta' Mejju, 2018 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom mill-Qorti.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-atturi f'din il-kawza li huma sidien ta' razzett bl-isem ta' "Ave Maria Farm"fi Sqaq il-Kustinjuz fil-limiti tan-Naxxar, lura fis-sena 2013 applikaw taht skema maghrufa bhala 121 fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali u dan bl-ghan li jinghataw ghajnuna finanzjarja sabiex jimmodernizzaw ir-razzett taghhom fejn irabbu l-majjali. Bhala parti minn din l-iskema kien impost fuq l-atturi li jkollhom minimu ta' pannelli fotovoltajici fuq is-sit. L-atturi jsostnu li rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta Timothy Jones u Victor Sultana kienu marru jhabbtulhom u kkonvincewhom jusufruwixxu mis-servizz tas-socjeta' konvenuta ghax-xiri u nstallazzjoni tal-pannelli fotovoltajici. Fil-fatt bejn il-partijiet gie ffirmat ftehim datat 4 ta' April, 2014 li kopja tieghu tinsab esebita a fol. 2 u 3 tal-process odjern. Dan il-ftehim jiher li gie ffirmat mill-attur John Falzon u Victor Sultana li hemm qbil li huwa mpjegat tal-kumpanija konvenuta. Mal-ftehim l-atturi halsu depozitu ta' disat elef Euro (€9,000) permezz ta' cekk mghoddi lil Victor Sultana ghan-nom tas-

socjeta′ konvenuta. Dan kien jirraprezpenta 10% mill-prezz totali miftiehem bejn il-partijiet ta′ disghin Elf Euro (€90,000) ghal mija u sittin (160) pannella.

L-atturi jsostnu li wara li gie ffirmat il-ftehim tal-4 ta′ April, 2014 huma ma semghu l-ebda ahbar minghand is-socjeta′ konvenuta ghal xhur shah filwaqt li kienu qed jigu pressati mid-Dipartiment tal-Agrikoltura sabiex jiffinalizzaw dak li kien gie mpost fuqhom sabiex ma jitilfux is-sussidju akkordat lilhom ta′ madwar mija u erbghin elf Euro (€140,000). L-atturi jsostnu wkoll li ppruvaw diversi drabi jikkuntattjaw lir-rapprezentanti tas-socjeta′ konvenuta izda baqghu minghajr ebda risposta. Minhabba l-urgenza, l-atturi jsostnu li f′Settembru, 2014 huma spiccaw kellhom jingaggaw kumpanija ohra u cioe′ s-Solar Solutions Ltd. sabiex twahhal l-ammont ta′ pannelli minimu li kienet timponi l-iskema u fil-fatt l-applikazzjoni saret f′Settembru, 2014 filwaqt li sat-28 ta′ Dicembru, 2014 skont l-attur il-pannelli kienu nstallati f′posthom. Konsegwentement l-atturi baghtu ittra ufficcjali ai termini tal-artikolu 166 A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta′ Malta (ara l-ittra a fol. 133 tal-process) u dan sabiex is-socjeta′ konvenuta tirrifondi lura d-depozitu mhallas lilha a bazi li hija ma adempjixxietx ruhha mal-obbligi assunti minnha skont l-istess skrittura datata 4 ta′ April, 2014. Stante li s-socjeta′ konvenuta kkontestat il-pretensjoni tal-atturi, konsegwentement giet intavolata l-kawza odjerna mill-atturi nhar l-24 ta′ Gunju, 2016.

Is-Socjeta′ konvenuta tikkontesta l-pretensjoni tal-atturi a bazi li kienu l-atturi stess li rrifjutaw il-konsenja u l-installazzjoni tal-apparat ordnat

minnhom w'ghalhekk tikkontesta li d-depozitu ghandu jigi rifuz lill-atturi.

Illi fl-atti gew prezentati diversi provi miz-zewg partijiet. A fol. 9 u 11 jinsabu l-affidavits tal-atturi fejn dawn jispjegaw b'mod dettaljat kif kienu Victor Sultana u Timothy Jones impjegati tas-socjeta' konvenuta li kkonvincuhom li jordnaw il-pannelli mill-kumpanija ntimata wara li dawn marru jkellmuhom fuq il-post. L-atturi jsostnu li kienu dawn tal-ahhar li semmew li l-bejt taghhom kien jiflah mal-mija u sittin (160) pannella izda qatt ma semmew mal-atturi li kien hemm bzonn xi permessi addizzjonali mill-Awtorita' tal-Ippjanar jew spejjez addizzjonali da parti tal-Enemalta sabiex dan isir. L-atturi jinsistu anki in kontro-ezami li Victor Sultana u Timothy Jones serrhulhom mohhhom ghal aktar minn darba biex ihallu kollox f'idejhom u li kienu ser jaghmlu l-proceduri kollox huma. Carmen Falzon a fol. 168 u 173 tinsisti li ghaddew xahrejn mill-iffirmar tal-kuntratt u anke sitt xhur u s-socjeta' konvenut baqghet ma ghamlet xejn. Temfasizza fil-kontro ezami taghha b'mod partikolari a fol. 324 li huma kienu jcemplu fuq in-numri kollha li kellhom disponibbli tal-kumpanija konvenuta (inkluz dawk indikati fuq l-istess ftehim) izda jew ma kienux jirrisponduhom inkella jghidulhom li ser jghadduhom u ma jirrispondihom hadd. L-istess isostni l-attur John Falzon li izda jammetti in kontro-ezami li huwa kien icempel fuq in-numru ta' Victor Sultana ghaliex huwa dak kellu u jsostni li hu mieghu kien ftiehem. L-attur izda jikkonferma li talab lil Victor Sultana sabiex jaghtih in-numru ta' sid il-kumpanija wara li Sultana qallu li kien semplici haddiem, izda Sultana rrifjuta li jaghtih in-numru. John Falzon jispjega li

f'Settembru 2014 huwa gie maghfus jiehu d-decizjoni li jahdem b'socjeta' diversa kif isegwi:

*'Le, jiena f'Settembru tal-elfejn u erbatax (2014) gejt issikkat minn 121, baghtu ghalina go sala gol-Ghammieri li jien ha nitlef il-process tad-demmiela u tal-bini li ghamilt tal-121, jien cempilt lil Vitor, cempilt lis-Solar Engineering, lilhom ma stajt nikkuntattja lil hadd, u jien qbadt id-decizjoni hadtha, ghidt jien irrid immur ghand haddiehor, ma nistax nitlef jien ghal sittax-il elf ewro (€16,000) pannelli nitlef il-mija u erbgha u erbghin elf (144,000) tal-121.'* (fol. 302)

L-attur jinsisti li l-ftehim dejjem kien kif isegwi:

*'mela jekk taghtikom l-Enemalta u l-MEPA li naghmluhom, naghmluhom fuq il-bejt.'* (fol. 305)

Dan il-kliem sar lil Timothy Jones u lil Victor Sultana, filwaqt li jsostni li l-istess nies assigurawh li l-procedura kollha kienet ser issir minnhom fi zmien xahrejn (fol. 287).

Da parti taghha l-attrici Carmen Falzon tinsisti li huma qatt gew infurmati li seta' jkun hemm spiza kbira ta' eluf ta' Euro zejda da parti tal-Enemalta sabiex issir 'sub-station' qabel ma jkunu jistghu jigu nstallati l-mija u sittin (160) pannella. Din l-ispiza giet ikkonfermata mill-Inginier Josephine Vella fix-xhieda taghha fl-atti a fol. 51 et seq tal-process kif ukoll mill-kopja tal-ittra taghha esebita fl-atti a fol. 107 li turi spiza ta' erbgha u ghoxrin Elf, erba' mija u disgha u hamsin Euro (€24,459.00). Il-Qorti izda tinnota li din l-ittra ntbaghtet lill-atturi wara li huma gia kienu waslu

ghall-arrangamenti mas-socjeta′ terza estranea ghal dawn il-proceduri Solar Solutions Ltd. u dan fuq applikazzjoni tal-istess Solar Solutions Ltd.

Illi fil-fatt jirrizulta mill-atti li kienet din l-istess socjeta′ terza Solar Solutions Ltd. li f′Awwissu 2014 tramite Carl Azzopardi ( ara xhieda a fol. 266 et seq tal-process) ghamlet ricerka jekk kienux gew intavolati xi applikazzjonijiet mis-socjeta′ konvenuta f′isem l-atturi u sadakinhar ma nstab xejn mal-awtoritajiet koncernati w′ghalhekk gew intavolati l-applikazzjonijiet esebiti fl-atti a fol. 29 et seq tal-process kif esebiti mix-xhud rapprezentat tal-Awtorita′ ghar-Rizorsi Owen Ellul.

Da parti taghhom l-atturi jinsistu li huma qatt ma nghataw x′jifhmu li kellhom jaghmlu xi haga dwar permess minghand l-Awtorita′ tal-Ambjent u l-Ippjanar izda jikkonfermaw li kienu ntalbu d-dettalji tal-Perit taghhom u li huma taw id-dettalji tal-Perit Censu Galea (li kif jikkonferma hu stess fix-xhieda tieghu jigi hu l-attrici – fol. 159) u cioe′ in-numru tal-mobile tieghu u e-mail.

Min-naha l-ohra ghan-nom tas-socjeta′ konvenut xehed b′mod estensiv ir-rapprezentant tal-istess socjeta′ Anthony Saliba (fol. 20 et seq, 68 et seq, nota b′dokumenti a fol. 79 et seq, ***affidavit a fol. 141 et seq li izda mhux iffirmat w′ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tieghu*** u kontro-ezami a fol. 346 et seq tal-process). Minn din ix-xhieda u dokumentazzjoni esebita jirrizulta li Anthony Saliba ma kienx prezenti waqt il-ftehim bejn l-atturi u l-impjegati tieghu meta gie ffirmat il-ftehim datat 4 ta′ April, 2014. A fol. 347 u 348 tal-process fuq domanda jekk l-atturi gewx infurmati bl-ispiza kbira mal-Enemalta biex ikunu jistghu

jitwaħħlu il-mija u sittin (160) pannella, dan ix-xhud wara li jevita d-domanda għal aktar minn darba jirrispondi kif isegwi:

*'jiena ma kontx fil-kuntratt! Il-kuntratt gie ffrimat minn Victor Sultana u minn Timothy Jones, all right. Jiena x'intqal bejniethom ma nistax ngħid, jien li nista' ngħid x'hawn fil-kuntratt…..'*

Fuq l-istess domanda a fol. 350 jirrispondi:

*' Ma nafx ngħidlek jiena! Il-process huwa standard.'*

Mid-dokumentazzjoni esebita mill-istess Anthony Saliba fl-atti b'mod partikolari dik a fol. 79 et seq jirrizulta li sad-data tal-ittri mibgħuta lill-atturi ntizi sabiex jinfurmawhom li s-sistema kienet disponibbli u tista' titwaħħal u li jgibu d-dati tat-22 ta' Ottubru, 2014 u 12 ta' Jannar, 2015 (ara fol. 103 et seq), is-socjeta' konvenuta kienet lanqas għadha ntavolat l-applikazzjoni mal-Awtorita' tar-Rizorsi tant li l-applikazzjoni kienet għadha fil-pussess tagħha kif originarjament iffirmata mill-attur John Falzon dakinhar li gie ffirmat ukoll il-ftehim. Il-Qorti tara li huwa llogiku għall-aħħar li jintbagħtu ittri nterpellatorji sabiex titwaħħal is-sistema meta s-socjeta' konvenuta kienet taf ben tajjeb li la kienet intavolat l-applikazzjoni sabiex dawn ikunu jistgħu jigu nstallati w'lanqas kien għadu ħareg permess ta' zvilupp neccessarju. Għandu jingħad li fil-kontro-ezami tiegħu Anthony Saliba jammetti li l-ittri datati 22 ta' Ottubru, 2014 u 12 ta' Jannar, 2015 intbagħtu lill-atturi wara li hu kien mar personalment fuq il-post u l-atturi nfurmawh li ma riedux jafu bihom (ara fol. 346).

Illi Anthony Saliba jiggustifika fix-xhieda tieghu l-fatt li qatt ma giet intavolata l-appikazzjoni mal-Awtorita' tar-Rizorsi mal-fatt li l-atturi ma kienux ipprovdew il-permess ta' zvilupp minghand l-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar. Huwa jibbaza l-argument tieghu fuq kopja ta' 'e-mail' esebita a fol. 102 li allegatament tidher mibghuta lill-Perit Censu Galea datata 12 ta' April, 2014 fejn din wara li tirreferi ghall-konversazzjoni li kien hemm mal-istess Perit (il-Qorti tifhem li dan kien nhar l-4 ta' April, 2014 meta l-partijiet cemplu lill-perit minn fuq is-sit) kienet qed tinbaghat lilu pjanta li fuqha kellha ssir applikazzjoni DNO mal-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar. Konsegwenti ghal din l-'e-mail' ma gie prezentat l-ebda dokument da parti tas-socjeta' konvenuta li jevidenzja xi tip ta' 'follow-up' mal-atturi jew mal-Perit.

Da parti tieghu l-Perit Censu Galea li xehed a fol. 159 et seq tal-process ma setax jikkonferma jekk irceviex l-'e-mail' in kwistjoni, in oltre ma giex mistoqsi jekk l-e-mail li jidher fuq l-istess dokument hux verament tieghu, anzi jinsisti li huwa ghamel ricerka u ma sab l-ebda 'e-mail' da parti tas-socjeta' konvenuta. Il-Qorti ghalhekk ma ghandiex il-prova sal-grad rikjest mil-ligi li l-Perit Galea effettivament ircieva l-'e-mail' in kwistjoni. Jirrizulta in oltre li meta huwa ntalab jaghmel applikazzjoni da parti tas-socjeta' terza Solar Solutions Ltd. din saret u fil-fatt il-permess inhareg fit-30 ta' April, 2015 koprenti izda bjut u numru ta' pannelli diversi minn dawk li kienu tkellmu fuqhom l-atturi u r-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta (ara fol. 179 et seq).

Jirrizulta mill-atti b'mod partikolari mix-xhieda ta' Timothy Jones li l-impjieg tieghu mas-socjeta' intimata kien gie terminat xahar wara l-

iffirmar tal-ftehim bejn il-partijiet w'ghalhekk certament wara dak ix-xahar Timothy Jones ma seta' jkun ta' l-ebda ghajnuna ghall-atturi dwar dak li kienet qed taghmel is-socjeta' konvenuta fir-rigward tal-ftehim milhuq nhar l-4 ta' April, 2014. Johrog izda mill-affidavit tal-istess Timothy Jones a fol. 129 et seq u l-kontro-ezami tieghu a fol. 240 et seq li meta huma kienu marru fuq il-post u sar il-ftehim mal-atturi, ftit li xejn kienu edotti kemm hu kif ukoll Victor Sultana mill-bzonnijiet ezatti mal-awtoritajiet sabiex ikunu jistghu jitwahhlu l-mija u sittin (160) pannella li huma kienu qed ibieghu lill-atturi. Skont dan ix-xhud hu ma dahalx fuq kwistjonijiet dwar min kellu japplika ghall-permess tal-MEPA (ara fol. 252) u li hu mar hemm biex jigbor ic-cekk (ara fol. 254). Jikkonferma wkoll il-versjoni tal-atturi li Victor Sultana kien qalilhom sabiex ihallu kollox f'idejh u li kien ser jiehu hsieb hu (ara fol. 255).

Illi a fol. 146 tal-process jinsab esebit l-affidavit ta' Victor Sultana li fih jaghti b'mod dettaljat il-kliem li sar bejnu u bejn l-atturi dakinhar li gie ffirmat il-ftehim dwar ix-xiri tal-pannelli. Fil-fatt il-Qorti tinnota li fl-istess affidavit ma jissemma xejn dwar spejjez 'zejda' li riedu jigu mhallsa lill-Enemalta sabiex issir 'is-sub-station' (anzi din il-Qori hija konvinta mill-assjem tal-provi li lanqas ir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta ma kienu jafu b'din l-ispiza dakinhar tal-ftehim). Skont dan ix-xhud:

'Billi l-permess tal-MEPA kien baqa' ma wasal qatt, l-applikazzjonijiet lill-MRA u l-ARMS Ltd. ma setghux jigu sottomessi bil-konsegwenza li l-applikazzjonijiet baqghu ma nxtehtu qatt billi jekk ma jkollhomx maghhom id-dokumenti kollha rikjesti fosthom il-permess tal-MEPA dawn ma kienux jigu accettati.' (fol. 150).

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi min-naha taghhom l-atturi jsostnu li s-socjeta' konvenuta naqset mill-obbligi taghha skont il-ftehim tal-4 ta' April, 2014 b'mod partikolari fil-klawzoli segwenti:

*'The contractor on his part:*

*. . .*

*3. will assist the applicant with the compiling and submission of the official application form;*

*4. will assist the applicant in compiling the supporting documents which may be required to be submitted with the application form;*

*5. will assist the applicant if additional material is requested following the submission of the application.'*

Jirrizulta lill-Qorti li sad-data li l-atturi kellhom jikkommissjonaw kumpanija ohra sabiex tissuplixxi l-pannelli, il-kumpanija konvenuta ma kinitx issottomettiet l-ebda applikazzjoni b'dana izda li l-kumpanija timputa li dan in-nuqqas kien tort l-atturi li ma pprezentawx lilha l-permess tal-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar. Is-socjeta' konvenuta tistrieh fuq 'e-mail' wahda (imsemmija aktar 'il fuq) allegatament mibghuta lill-perit tal-atturi fejn intalab jissottometti talba ghal 'DNO' bi pjanta annessa kif kienu ser jigu nstallati l-pannelli.

Illi minn qari tal-ftehim datat 4 ta' April, 2014 din il-Qorti ma ghandix dubju li ma kienx kompitu tas-socjeta' konvenuta li tissottometti l-applikazzjoni ta' zvilupp mal-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar tant illi

anki fejn jissemmew applikazzjonijiet hija obbligat ruhha biss li tassisti lill-atturi (ara l-uzu tal-kliem 'will assist'). Illi ghalhekk il-kompitu ta' din il-Qorti huwa li tanalizza jekk l-atturi nrexxielhomx jippruvaw lilha li s-socjeta' konvenuta naqset milli taghti dik l-assistenza lilhom kif obbligat ruhha li taghmel ai termini tal-artikoli 4., 5. u 6. fil-ftehim kif hawn fuq ikkwotati.

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li wara li gie ffirmat il-ftehim datat 4 ta' April, 2014, l-attur kien spiss icempel lil Victor Sultana biex jara l-andament tal-applikazzjoni u dan kien dejjem jghidlu biex ihalli f'idejh. Dan jikkonfermah l-istess Victor Sultana fil-kontro-ezami tieghu a fol. 360 et seq tal-process. Izda jirrizulta mill-istess kontro-ezami li fiz-zmien meta Victor Sultana kien ghadu jirrispondi lill-attur dan qatt ma ndenja ruhu jinforma lill-attur li l-applikazzjoni kienet wieqfa minhabba li kienu qed jistennew il-permess tal-MEPA! Il-Qorti tqis li l-obbligu ta' assistenza li dahlet ghalih il-kumpanija konvenuta kien jinkludi certament l-obbligu li almenu l-atturi jigu nfurmati li l-kumpanija kienet qed tistenna l-permess minghandhom jew li mill-anqas l-atturi jigu nfurmati li l-perit ma kienx irrisponda ghall-e-mail li kienet ntbaghtet lilu. Li kieku dan sar da parti tal-kumpanija, din il-Qorti tinsab certa li l-affarijiet bejn il-partijiet kienu jisvolgu b'mod divers ghall-ahhar. Il-Qorti tqis li bhala parti mill-obbligu tal-assistenza almenu meta l-attur cempel ghal darba, darbtejn, tlieta lil Victor Sultana dan kellu jinfurmah li kienu qed jistennew xi haga minghandu u mhux jghidlu sabiex ihalli f'idu. Apparti minn hekk jirrizulta li f'mument minnhom l-istess Victor Sultana ddecieda li ma jirrispondix aktar lill-attur b'dana li huwa zgur li minn dak il-mument 'il

quddiem li s-socjeta' konvenuta ma kinitx qed taghti l-assistenza li ntrabtet li taghti lill-atturi fil-ftehim tal-4 ta' April, 2014 (ara fol. 360).

Illi in oltre jirrizulta mix-xhieda dettaljata tal-attrici li fir-rigward ta' numri telefonici ohra tal-kumpanija, li hadd ma kien qed jaghti sodisfazzjon lill-atturi dwar x'kien qed jigri bl-applikazzjoni taghhom anzi kienu qed isibu 'telephones' jinqatghu f'wicchom u ohrajn ma jirrispondi hadd. L-attrici tixhed fil-kontro-ezami li sahansitra kienet marret fil-hanut tas-socjeta' konvenut fil-Mosta u xorta ma nghatat l-ebda risposti. Il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn seta' kien daqshekk difficli li l-kumpanija konvenuta tinforma lill-atturi li kienu qed jistennew xi nformazzjoni minghandhom. Il-Qorti wkoll issib ironiku ghall-ahhar li fil-kontro-ezamijiet saru domandi mis-socjeta' konvenuta lill-atturi fis-sens li wara li s-socjeta' konvenuta baghtet in-nies taghha fir-razzett tal-atturi sabiex tikkonvincihom jahdmu biha u wara l-fatt pruvat li s-socjeta' konvenuta kellha hanut fil-Mosta, is-socjeta' konvenuta pretendiet li l-istess l-atturi kellhom jitilghu fl-ufficcju taghha Ghawdex sabiex jiehdu xi tip ta' sodisfazzjon dwar l-applikazzjoni taghhom. Dan huwa aktar ironiku meta l-istess rapprezentant tas-socjeta' Anthony Saliba anki sabiex jixhed quddiemha dejjem tela' mill-Gzira ta' Malta b'dana li l-prezenza tas-socjeta' f'Malta kienet wahda tant ampja li l-atturi kellhom kull ragun li jippretendu li jinghataw sodisfazzjoni dwar x'qed jigri mill-applikazzjoni f'Malta jekk mhux bit-telephone almenu mill-hanut minghajr il-bzonn li joqghodu jitilghu Ghawdex.

Illi ghalhekk din il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-process kelma b'kelma u ghar-ragunijiet suesposti tqis li l-pretensjoni tal-atturi li s-socjeta'

konvenut ma adempjixxitx ruhha mal-obbligi assunti minnha skont il-ftehim datat 4 ta' April, 2014 (b'mod partikolari l-obbligu ta' assistenza taht l-obbligu fuq il-kuntrattur kif elenkati fil-paragrafi 4. 5. u 6.) giet sufficjentement pruvata lilha sal-grad tal-probabbli rikjest mil-ligi b'dana li ser tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet attrici.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta tghaddi sabiex tilqa' t-talba attrici, tiddikjara li s-socjeta' konvenuta naqset milli tadempjixxi ruhha mal-obbligi assunti minnha skont skrittura privata datata 4 ta' April, 2014 bejn il-partijiet, tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Solar Engineering Limited thallas lill-atturi John u Carmel konjugi Falzon is-somma ta' disat elef euro (€9,000) rapprezentanti depozitu mhallas lilha akkont ta' prezz ta' teknologija u apparat li jnaqqas il-konsum tal-energija kif jirrizulta mill-istess skrittura.**

**Bl-imghax skont il-ligi mid-data tal-20 ta' Mejju, 2016 cioe' d-data tal-ittra ufficcjali 46/2016 debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra s-socjeta' konvenuta.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Magistrat**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**D/Registratur**